Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**10802/26**
**ADD 1**

**COPEN 236**
**CT 82**
**DROIPEN 114**
**JAI 849**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 277 annex |
| Suġġett: | ANNESS<br>RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 277 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 277 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.6.2026
COM(2026) 277 final

ANNEX

**ANNESS**

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali**

{SWD(2026) 148 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali**

# 1 INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2018. Il-25 Stat Membru tal-UE[1] marbutin bid-Direttiva (jiġifieri kollha kemm huma ħlief id-Danimarka u l-Irlanda) kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-3 ta' Diċembru 2020.

F'konformità mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva, dan ir-rapport jivvaluta kemm l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva. Ir-rapport kurrenti huwa ppreżentat bħala anness tar-rapport skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva li jivvaluta l-valur miżjud tad-Direttiva.

Din l-analiżi hija bbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea sal-20 ta' Ottubru 2025, kif ukoll fuq studju estern.

Id-Direttiva tistabbilixxi definizzjonijiet komuni ta' reati u sanzjonijiet kriminali madwar l-Istati Membri tal-UE li għandhom l-għan li jiġġieldu l-ħasil tal-flus, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja u biex jiġi evitat li l-kriminali jisfruttaw sistemi nazzjonali inqas stretti. Peress li r-riċiklaġġ ta' rikavati illeċiti jikkostitwixxi faċilitatur ewlieni tal-kriminalità organizzata, id-Direttiva tgħin biex iddgħajjef il-bażi finanzjarja tan-networks kriminali u tappoġġa l-isforzi biex dawn jitkissru. Din tirrikjedi lill-Istati Membri jikkriminalizzaw il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà li jkun magħruf li tkun ġejja minn attività kriminali, il-ħabi jew it-travestiment tan-natura, tas-sors, tal-post, tal-moviment jew tas-sjieda vera ta' dik il-proprjetà, u l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' tali proprjetà, meta dawn isiru b'mod intenzjonat. Id-Direttiva tippermetti wkoll lill-Istati Membri jestendu r-reat tal-ħasil tal-flus għal każijiet fejn it-trasgressur "issuspetta jew kien imissu jkun jaf" li l-proprjetà kienet ġejja minn attività kriminali. Hija tobbliga lill-Istati Membri jintroduċu ċirkostanzi aggravanti (pereż., l-involviment ta' organizzazzjoni kriminali, jew ir-riċiklaġġ permezz ta' attivitajiet professjonali) u tirrikjedi li l-pieni jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, inkluż terminu massimu minimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin u, fejn rilevanti, miżuri ta' responsabbiltà ta' entità legali. Fiha regoli dwar il-ġuriżdizzjonijiet u l-obbligu li jiġu ffriżati u kkonfiskati r-rikavati u l-mezzi strumentali u tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ għodod investigattivi effettivi għall-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus.

Ir-rapport jindika li l-Istati Membri għamlu sforzi konsiderevoli biex jiżguraw l-allinjament tal-liġijiet nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, filwaqt li hemm xi inkonsistenzi u lakuni apparenti minn għadd limitat ta' Stati Membri.

[1] Meta dan ir-rapport jirreferi għall-"25 Stat Membru" jew għal kwalunkwe numru ieħor ta' Stati Membri, dan jimplika li dawn huma Stati Membri marbutin bid-Direttiva.

Lil hinn mill-analiżi pprovduta minn dan ir-rapport abbażi tal-informazzjoni magħmula disponibbli sal-lum għall-Kummissjoni, jista' jkun hemm sfidi ulterjuri fit-traspożizzjoni u dispożizzjonijiet oħra mhux irrapportati lill-Kummissjoni jew żviluppi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ulterjuri li jaffettwaw it-traspożizzjoni. Għalhekk, dan ir-rapport ma għandux jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tivvaluta ulterjorment it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri.

## 2 KONFORMITÀ TAT-TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVA SKONT ID-DISPOŻIZZJONI

Dan il-kapitolu jirrevedi t-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali, filwaqt li jivvaluta artikolu b'artikolu l-kompletezza u l-konformità tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

**Artikolu 2 – Definizzjonijiet (inklużi reati predikati)**

L-Artikolu 2 fih tliet definizzjonijiet. L-**Artikolu 2(1)** jiddefinixxi **"attività kriminali"** bħala r-reati kollha punibbli b'terminu massimu ta' mill-inqas sena priġunerija, jew, fejn ma tkun preskritta l-ebda piena massima, ir-reati kollha punibbli b'terminu minimu ta' aktar minn 6 xhur priġunerija. Ir-reati li jikkostitwixxu attività kriminali għandhom jitqiesu bħala reati predikati għall-ħasil tal-flus, jiġifieri l-Istati Membri għandhom jikkriminalizzaw ir-riċiklaġġ tal-proprjetà derivata minn dawn ir-reati, bħala minimu.

Barra minn hekk, irrispettivament mil-limiti tal-pieni, l-Istati Membri fi kwalunkwe każ huma meħtieġa jinkludu firxa ta' reati f'kull waħda mit-22 kategorija ta' reati elenkati fl-Artikolu 2(1), (dawn jinkludu r-reati armonizzati fil-livell tal-UE)[2].

Maġġoranza kbira tal-Istati Membri marbuta bid-Direttiva marru lil hinn minnha billi adottaw l-hekk imsejjaħ "approċċ tar-reati kollha", fejn kwalunkwe reat kriminali jista' jikkostitwixxi reat predikat għall-ħasil tal-flus. Ħames Stati Membri (**Franza, in-Netherlands, il-Lussemburgu, il-Portugall, l-Awstrija**) jindikaw kategoriji speċifiċi ta' reati kriminali li jistgħu jirrappreżentaw reati predikati għall-ħasil tal-flus.

L-**Istati Membri kollha** ttrasponew b'mod korrett id-definizzjoni ta' attività kriminali kif stabbilita fl-Artikolu 2(1).

L-**Artikolu 2(2)** jipprevedi definizzjoni wiesgħa ta' **"proprjetà"** li tista' tkun oġġett xieraq ta' reat tal-ħasil tal-flus. F'dan ir-rigward, proprjetà hija definita bħala assi ta' kwalunkwe tip, kemm korporali kif ukoll inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma inkluża dik elettronika jew diġitali, li jixhdu t-titolu ta' tali assi jew interess fihom. Filwaqt li l-Istati Membri ma ttrasponewx speċifikament it-terminu proprjetà fil-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-ħasil tal-flus, spiss jipprevedu definizzjonijiet f'testi legali oħra, li jintużaw ukoll għall-finijiet tad-definizzjoni tal-oġġetti tal-ħasil tal-flus li jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjoni.

**Filwaqt li 23 Stat Membru ttrasponew** id-definizzjoni ta' proprjetà kif stabbilita fl-Artikolu 2(2), jidher li l-leġiżlazzjoni fil-**Ġermanja u fl-Awstrija** ma tqisx l-ispejjeż iffrankati (bħal taxxi minn ras l-għajn permezz tat-twettiq ta' reat tat-taxxa) bħala proprjetà li tista' tiġi

[2] Ara l-premessa 5.

maħsula. Essenzjalment, it-Taqsima 165, il-paragrafu 6 tal-Kodiċi Kriminali Awstrijak jeskludi biss it-tfaddil bħal telf mhux realizzat li ma seħħx, rinunzji ta' pretensjonijiet jew spejjeż u imposti evitati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ħasil tal-flus. Dan jipprevjeni lill-awtoritajiet Awstrijaki milli japplikaw reat ta' ħasil tal-flus fil-każ ta' flus iffrankati billi, illegalment, ma tħallsux taxxi u mbagħad jirriċiklawhom. Fil-verżjoni l-antika tat-Taqsima 261, il-paragrafu 5 tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniż, l-ispejjeż iffrankati permezz tal-evażjoni tat-taxxa kienu inklużi b'mod espliċitu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ħasil tal-flus. B'riforma fl-2021, dan il-paragrafu tħassar, u konsegwentement dawn l-ispejjeż iffrankati ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni. Huma jqisu li hija biss proprjetà li tirrappreżenta żieda pożittiva fl-assi ta' persuna, pereż. flus miksuba permezz ta' reat tat-traffikar tad-droga jew rifużjoni tat-taxxa, li tista' tkun l-oġġett ta' reat tal-ħasil. Madankollu, id-definizzjoni wiesgħa ta' proprjetà fid-Direttiva tkopri t-tipi kollha ta' proprjetà, inklużi l-ispejjeż iffrankati anke jekk ma jkunux imsemmija b'mod espliċitu.

L-**Artikolu 2(3)** jiddefinixxi **"persuna ġuridika"** bħala kull entità li jkollha personalità ġuridika skont il-liġi applikabbli, barra minn Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità statali u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi. B'mod simili għat-terminu "proprjetà", ħafna Stati Membri jiddefinixxu "persuna ġuridika" f'biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni, li japplikaw ukoll għall-finijiet ta' reati ta' ħasil tal-flus. Dan huwa konformi mad-Direttiva.

**Artikolu 3 – Reati ta' ħasil tal-flus**

L-**Artikolu 3(1)** jirrikjedi lill-Istati Membri jikkriminalizzaw (a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, (b) il-ħabi jew it-travestiment ta' diversi karatteristiċi tal-proprjetà, u (c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, sal-punt li l-awtur ta' tali atti jkun jaf li tali proprjetà hija derivata minn attività kriminali.

L-**Istati Membri** ttrasponew din id-dispożizzjoni b'modi differenti. Seba' Stati Membri (**il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja**, u **r-Rumanija**) ittrasponew l-element ta' intenzjoni indirettament billi bbażaw fuq prinċipji ġenerali tad-dritt kriminali li jistabbilixxu li reat huwa kkaratterizzat biss jekk ikun preżenti l-element ta' intenzjoni. L-Istati Membri li jifdal inkludew b'mod espliċitu l-element tal-intenzjoni fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkriminalizzaw il-ħasil tal-flus.

L-**Artikolu 3(2)** jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jikkriminalizzaw ulterjorment il-ħasil tal-flus meta t-trasgressur ma kienx jaf iżda ssuspetta jew kien imissu jkun jaf li l-proprjetà kienet ġejja minn attività kriminali (ħasil tal-flus negliġenti). **15-il Stat Membru**[3] użaw din l-għażla u kkriminalizzaw il-ħasil tal-flus negliġenti.

Fid-dawl tal-fatt li skemi kumplessi tal-ħasil tal-flus jagħmluha diffiċli li tingħata prova tar-reat predikat, id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tneħħi l-ostakli prattiċi u legali għall-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus bħala reat awtonomu. Biex tagħmel dan, tobbliga lill-Istati Membri jippermettu l-prosekuzzjoni u l-kundanna għall-**ħasil tal-flus mingħajr ma jeħtieġu kundanna għar-reat predikat** (**l-Artikolu 3(3)(a)**), u mingħajr ma l-awtoritajiet ikunu meħtieġa **jagħtu prova tal-elementi kollha tar-reat predikat** (li jistgħu jinkludu l-identità tal-awtur tal-attività kriminali li minnha tkun idderivat il-proprjetà)(**l-Artikolu 3(3)(b)**). Dan minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "ħasil tal-flus awtonomu".

[3] Il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja, is-Slovenja u s-Slovakkja

Hemm **16-il Stat Membru**[4] li għadhom ma ttrasponewx id-dispożizzjoni b'mod espliċitu iżda **permezz ta' "traspożizzjoni impliċita"**, jiġifieri billi ma jsemmux b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-ħasil tal-flus li għandhom jiġu ssodisfati kundizzjonijiet bħal kundanna preċedenti jew simultanja għar-reat predikat jew l-istabbiliment tal-fatti u taċ-ċirkostanzi kollha tar-reat predikat.

Il-Kummissjoni tinnota li l-**limitu biex tingħata prova tal-oriġini illeċita tal-proprjetà fil-qorti jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri**.

F'**erbatax-il Stat Membru**[5], ma huwiex meħtieġ li jiġi speċifikat it-tip ta' reat predikat, meta tingħata prova tal-oriġini illeċita tal-proprjetà. Minflok, huwa biżżejjed li jiġi stabbilit li l-proprjetà li tkun ġiet riċiklata toriġina minn attività kriminali li tkun twettqet, li tiffaċilita b'mod sinifikanti l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus.

Madankollu, il-qrati f'għadd ta' Stati Membri għadhom jimponu standards għoljin biex tingħata prova tal-eżistenza ta' reat predikat. Hemm **10 Stati Membri**[6] li għadhom jeħtieġu li l-awtoritajiet jidentifikaw il-kategorija ta' reat li għaliha jappartjeni r-reat predikat (pereż. traffikar tad-droga, traffikar tal-bnedmin, frodi, eċċ.). Fost dawn, żewġ **Stati Membri** (**il-Bulgarija u l-Polonja**) jirrikjedu limitu minimu ta' provi speċifikament għoli rigward ir-reat predikat. **Il-Bulgarija**[7] għadha tirrikjedi li tingħata prova tat-tip ta' reat kriminali, u l-ħin u l-post tat-twettiq tiegħu. Fil-**Polonja**, il-ġurisprudenza[8] teħtieġ li jiġi stabbilit li assi speċifiċi kienu derivati minn reat predikat speċifiku b'mod speċifiku biżżejjed.

Kif ġie indikat ukoll fir-rapport ta' evalwazzjoni, il-**formulazzjoni tad-Direttiva hija wiesgħa ħafna u tippermetti tali traspożizzjoni**. Id-Direttiva tirrikjedi li tkun possibbli kundanna għall-ħasil tal-flus "mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti l-elementi fattwali kollha jew iċ-ċirkostanzi kollha" tar-reat predikat, iżda tali formulazzjoni tfisser li l-leġiżlazzjoni xorta tista' tirrikjedi li l-awtoritajiet jagħtu prova tal-elementi kollha tar-reat predikat ħlief wieħed.

Fid-dawl ta' dan il-marġini wiesa' li d-Direttiva tipprevedi għall-Istati Membri, fir-rigward tal-**Artikolu 3(3)(a) u (b)** ma ġie identifikat l-ebda każ ta' nuqqas ta' konformità.

**L-Istati Membri kollha ttrasponew b'mod konformi** li r-**reati ta' ħasil tal-flus jestendu għall-proprjetà derivata minn imġiba fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż mhux tal-UE**, fejn l-imġiba tkun tikkostitwixxi reat predikat li kieku tkun seħħet domestikament (**l-Artikolu 3(3)(c)**).

Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, l-**Artikolu 3(4)** jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jirrestrinġu l-kamp ta' applikazzjoni ta' każijiet transfruntiera fejn il-ħasil tal-flus ikun punibbli, jiġifieri meta r-reat predikat ikun seħħ f'pajjiżi fejn tali mġiba ma hijiex kriminalizzata (ir-rekwiżit ta' "kriminalità doppja"). Madankollu, għal ċerti kategoriji ta' reati serji, tali possibbiltà li jiġi ristrett il-kamp ta' applikazzjoni transfruntier ma hijiex disponibbli. F'każijiet ta' parteċipazzjoni fi grupp kriminali organizzat, fit-terroriżmu, fit-traffikar tal-bnedmin, fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, fl-isfruttament sesswali, fit-traffikar tad-droga u

[4] Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovenja, u s-Slovakkja.
[5] L-Awstrija, il-Belġju, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovakkja, u s-Slovenja.
[6] Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Portugall
[7] L-Artikolu 253 tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru.
[8] Is-Sentenza tal-Qorti Suprema dwar l-Artikolu 299(1) tal-Kodiċi Kriminali.

fil-korruzzjoni, imwettqa fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż terz, jeħtieġ li jibqa' possibbli li persuna titressaq għall-prosekuzzjoni għall-ħasil tal-flus anke jekk l-imġiba li ġġenerat il-flus ma tikkostitwix reat kriminali f'dak il-pajjiż l-ieħor.

**Tmien Stati Membri**[9] użaw l-għażla li jeħtieġu "kriminalità doppja". Madankollu, **il-Lussemburgu**[10] jeħtieġ kriminalità doppja għal uħud mir-reati li għalihom ma għandux jiġi applikat tali prinċipju, jiġifieri l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u r-rikatar organizzat. .

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-imġiba kriminalizzata bħala ħasil tal-flus fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) tkun punibbli f'każ ta' **"awtoriċiklaġġ" (l-Artikolu 3(5)**), jiġifieri każ fejn il-persuna li wettqet jew li kienet involuta fit-twettiq tar-reat predikat tkun qed tirriċikla r-rikavati mir-reat li tkun għamlet.

**L-Istati Membri implimentaw din id-dispożizzjoni b'mod espliċitu** fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom **jew b'mod impliċitu** billi ma għamluhiex kundizzjoni li l-awtur tar-reat predikat ikun distint mill-awtur tar-reat tal-ħasil tal-flus. Xi Stati Membri inkludew **eċċezzjonijiet** fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom **li ma jaffettwawx il-konformità**, pereż. **il-Ġermanja** tirrikjedi li l-assi illegali b'xi mod jiddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni, **u l-Italja u l-Estonja** jeskludu l-użu għat-tgawdija personali mill-kamp ta' applikazzjoni. Għalhekk, ma ġie identifikat l-ebda każ ta' nuqqas ta' konformità.

**Artikolu 4 – Għajnuna u assistenza, istigazzjoni u tentattiv**

L-**Artikolu 4** jirrikjedi li r-**reati anċillari, jiġifieri l-għajnuna u l-assistenza, l-istigazzjoni** ta' xi ħadd biex iwettaq reat ta' ħasil tal-flus u t-**tentattiv** ta' reat ta' ħasil tal-flus iridu jkunu punibbli bħala reat kriminali.

**Kull wieħed mill-25 Stat Membru ttraspona l-Artikolu 4 kif suppost.**

**Artikolu 5 – Pieni għall-persuni fiżiċi**

L-**Artikolu 5** jirrikjedi li r-reati tal-ħasil tal-flus u r-reati anċillari jkunu **punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi**, filwaqt li jispeċifika li r-reati tal-ħasil tal-flus iridu jkunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin.

**F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-Iżvezja**[11] stabbiliet fil-leġiżlazzjoni tagħha massimu ta' sentejn, filwaqt li l-**Greċja**[12] tidher li ma segwietx il-limitu ta' 4 snin jekk ir-reat predikat ikun reat minuri, li fil-prattika jfisser li l-piena għall-ħasil tal-flus ma hijiex għolja biżżejjed għal firxa wiesgħa ta' reati predikati stabbiliti fid-Direttiva.

**Artikolu 6 – Ċirkostanzi aggravanti**

L-**Artikolu 6(1)** jistabbilixxi żewġ ċirkostanzi aggravanti obbligatorji: meta l-ħasil tal-flus **jitwettaq fi ħdan organizzazzjoni kriminali** jew meta **jitwettaq matul l-attivitajiet professjonali ta' "entità marbuta b'obbligu"**, jiġifieri entità soġġetta għal obbligi speċifiċi

---

[9] L-Awstrija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, u l-Portugall.
[10] L-Artikolu 506-3(2) tal-Code pénale, flimkien mal-Artikolu 5-1 tal-Code de procédure pénale.
[11] Lag (2014:307) om straff för penningtvättsbrott, 3 §.
[12] L-Artikolu 39(1)(d), L. 4557/2018.

ta' rapportar u ta' verifika tal-klijenti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus[13].

F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-**Litwanja, il-Polonja** u **s-Slovenja** ma introduċewx iċ-ċirkostanza aggravanti tal-ħasil tal-flus imwettaq minn entità marbuta b'obbligu fil-leġiżlazzjoni tagħhom; **Ċipru[14]** ma jipprevedix ċirkostanzi aggravanti għall-għajnuna, għall-assistenza, għall-istigazzjoni u għat-tentattiv ta' ħasil tal-flus; **Il-Greċja**[15] ma tistax tapplika ċirkostanzi aggravanti fejn ir-reat predikat ikun reat minuri, li fil-prattika teskludi firxa wiesgħa ta' reati predikati stabbiliti fid-Direttiva.

L-**Artikolu 6(2)** joffri lill-Istati Membri l-possibbiltà li jintroduċu żewġ ċirkostanzi aggravanti addizzjonali, **(a)** meta l-proprjetà riċiklata tkun ta' valur konsiderevoli jew **(b)** meta l-proprjetà riċiklata tkun ġiet derivata minn sett ta' reati speċifiċi[16]. **L-għażla (a) ġiet trasposta minn 14-il Stat Membru**[17], **l-għażla (b) minn erba' Stati Membri**[18]**.**

**L-Istati Membri kollha li użaw l-għażliet ittrasponewhom b'mod konformi** mad-Direttiva.

**Artikolu 7 – Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi**

Skont id-Direttiva jrid ikun possibbli li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli għal reati tal-ħasil tal-flus, inkluż l-awtoriċiklaġġ. Dan jinkludi azzjonijiet minn kwalunkwe persuna, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn korp tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija f'dik l-entità (**l-Artikolu 7(1)**). L-Istati Membri jeħtieġ ukoll li jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll ikun għamel it-twettiq tar-reat possibbli (**l-Artikolu 7(2)**). Madankollu, ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi ma għandhiex teskludi l-possibbiltà li jinbdew proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi involuti bħala awturi fit-twettiq tar-reati (**l-Artikolu 7(3)**).

**Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi**, fil-leġiżlazzjoni tagħha, **Franza ma** introduċietx il-possibbiltà li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli meta r-reati tal-ħasil tal-flus kienu possibbli minħabba n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna f'pożizzjoni ta' tmexxija f'dik l-entità.

**Artikolu 8 – Sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi**

L-**Artikolu 8** jirrikjedi lill-Istati Membri jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 7 tkun **soġġetta għal pieni b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jinkludu, fi kwalunkwe każ, multi kriminali jew mhux kriminali**. L-Istati Membri kollha ttrasponew din id-dispożizzjoni b'mod konformi.

---

[13] Ara b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, *ĠU L 141, 5.6.2015, pp. 73–117, l-aħħar verżjoni konsolidata disponibbli taħt:* [EUR-Lex - 02015L0849-20241230 - MT - EUR-Lex]
[14] Il-Parti I, il-paragrafu 4(4). L. 188(I)/2007.
[15] L-Artikolu 39(1)(d), L. 4557/2018.
[16] Il-parteċipazzjoni fi grupp kriminali organizzat jew fir-rikattar organizzat, fit-terroriżmu, fit-traffikar tal-bnedmin u fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, fl-isfruttament sesswali, fit-traffikar illeċitu tad-drogi narkotiċi, u fil-korruzzjoni.
[17] L-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, l-Iżvezja, is-Slovenja, u s-Slovakkja.
[18] Il-Greċja, Spanja, il-Finlandja u l-Kroazja.

Barra minn hekk, l-**Artikolu 8 jelenka għażliet għal sanzjonijiet ulterjuri**, mill-esklużjoni tal-entità ġuridika mill-benefiċċji pubbliċi jew l-għajnuna pubblika, għall-esklużjonijiet mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, l-iskwalifika mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali, it-tqegħid tal-entità taħt superviżjoni ġudizzjarja, l-għeluq ta' stabbilimenti użati għat-twettiq tar-reat u anke l-possibbiltà ta' ordni ġudizzjarja biex il-kumpanija tiġi stralċjata (jiġifieri l-istralċ). **Hemm 19-il Stat Membru**[19] **li użaw waħda jew aktar minn dawn l-għażliet. Sitt Stati Membri ma użaw l-ebda waħda mill-għażliet.**

L-Istati Membri kollha li użaw dawn l-għażliet ittrasponewhom b'mod konformi mad-Direttiva.

**Artikolu 9 – Konfiska**

L-**Artikolu 9** jirrikjedi li l-Istati Membri **jiżguraw, kif opportun, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiffriżaw jew jikkonfiskaw** ir-rikavati li jirriżultaw minn u l-mezzi strumentali li jintużaw jew li huma maħsubin li jintużaw fit-twettiq jew fil-kontribut għat-twettiq tar-reati tal-ħasil tal-flus kif imsemmi f'din id-Direttiva f'konformità mad-Direttiva 2014/42/UE dwar il-konfiska[20].

**Kull wieħed mill-25 Stat Membru ttraspona l-Artikolu 9** f'konformità mad-Direttiva.

**Artikolu 10 – Ġuriżdizzjoni**

L-**Artikolu 10(1)** jirrikjedi li Stat Membru jistabbilixxi l-**ġuriżdizzjoni** tiegħu fuq ir-reati tal-ħasil tal-flus, meta r-reat jitwettaq fit-territorju tiegħu (**l-Artikolu 10(1)(a)**), jew meta t-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tiegħu (**l-Artikolu 10(1)(b)**). L-**Istati Membri** kollha ttrasponew din id-dispożizzjoni f'konformità mad-Direttiva.

Fir-rigward tal-**Artikolu 10(1)(b)**, għandu jiġi nnotat li speċifikament fil-każ fejn it-trasgressur ikun ċittadin tal-Istat Membru, id-dispożizzjoni ġiet trasposta b'mod diverġenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit tal-**kriminalità doppja**[21].
Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika li tindirizza din il-kwistjoni, **10 Stati Membri**[22] jidhru li implimentaw id-Direttiva mingħajr ma espliċitament stipulaw il-kriminalità doppja bħala prekundizzjoni għall-affermazzjoni tal-ġuriżdizzjoni. Min-naħa l-oħra, **11-il Stat Membru**[23] inkorporaw b'mod espliċitu r-rekwiżit imsemmi hawn fuq bħala kundizzjoni biex jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni fuq iċ-ċittadini tagħhom. Fl-istess ħin, **tliet Stati Membri**[24] eskludew b'mod espliċitu r-rekwiżit tal-kriminalità doppja għar-reati tal-ħasil tal-flus.

L-**Artikolu 10(2)** jippermetti lill-Istati Membri jestendu l-ġuriżdizzjoni tagħhom għal każijiet meta **(a)** it-trasgressur ikun resident abitwali fit-territorju tagħhom, jew **(b)** meta r-reat ikun

---

[19] Il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.
[20] Ara l-premessa 16 tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (CMLD, Combating Money Laundering Directive): "*[...] Jenħtieġ li l-Istati Membri, bħala minimu, jiżguraw l-iffriżar u l-konfiska tal-mezzi strumentali tal-kriminalità u tar-rikavat minnha fil-każijiet kollha previsti fid-Direttiva 2014/42/UE. L-Istati Membri għandhom ukoll jikkunsidraw bis-sħiħ li jippermettu l-konfiska fil-każijiet kollha fejn proċedimenti kriminali ma jkunux jistgħu jiġu mibdija jew konklużi, inkluż f'każijiet fejn it-trasgressur ikun miet..*".
[21] Dan huwa l-prinċipju li bih, il-ġuriżdizzjoni tista' tiġi stabbilita biss fejn l-imġiba inkwistjoni tkun kriminalizzata kemm fl-istat ta' prosekuzzjoni kif ukoll fl-Istat li fih tkun twettqet.
[22] Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja.
[23] Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, l-Iżvezja.
[24] Il-Greċja, in-Netherlands, ir-Rumanija.

twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tagħhom. Kien hemm **14-il Stat Membru**[25] li użaw l-għażla skont l-**Artikolu 10(2)(a)**. Kien hemm **10 Stati Membri**[26] li użaw l-għażla skont l-**Artikolu 10(2)(b) b'mod konformi**.

**Artikolu 11 – Għodod ta' investigazzjoni**

**L-Artikolu 11 jirrikjedi li jkun hemm disponibbli għodod ta' investigazzjoni effettivi**, bħal dawk użati f'każijiet ta' kriminalità organizzata jew f'każijiet oħra ta' kriminalità serja, għall-persuni, għall-unitajiet, jew għas-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' ħasil tal-flus, inklużi l-għajnuna, l-assistenza, l-inċitament u t-tentattiv tagħhom[27]. **Kull wieħed mill-25 Stat Membru ttraspona l-Artikolu 11** f'konformità mad-Direttiva.

## 3 KONKLUŻJONIJIET

Minħabba l-importanza tal-ħasil tal-flus għan-networks tal-kriminalità organizzata bħala għodda ta' finanzjament kruċjali, u bħala mezz biex jiġu żgurati akkwisti illeċiti u biex tiġi infiltrata l-ekonomija legali, l-armonizzazzjoni tar-reazzjoni tad-dritt kriminali għall-ħasil tal-flus hija komponent essenzjali fl-isforzi usa' tal-Unjoni biex jiġu mfixkla u eliminati n-networks kriminali, kif inhu enfasizzat fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ProtectEU[28].

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jikkonformaw mad-Direttiva. Għalkemm għad hemm xi inkonsistenzi u lakuni, fil-qosor, it-traspożizzjoni tad-Direttiva b'mod ġenerali kienet konformi, u l-Istati Membri ħadu miżuri komprensivi biex jallinjaw il-liġijiet nazzjonali mal-istandards tal-UE. Il-maġġoranza tal-Istati Membri adottaw leġiżlazzjoni speċifika biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva, filwaqt li ftit minnhom ibbażaw ruħhom kompletament jew fil-biċċa l-kbira fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti.

Sabiex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u korretta tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati. Dan jinkludi l-monitoraġġ u l-iżgurar li l-miżuri nazzjonali jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet fid-Direttiva.

[25] L-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, l-Iżvezja u s-Slovakkja.
[26] L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.
[27] Ara wkoll il-premessa 19: "*Jenħtieġ li b'hekk jiġi żgurat li jkunu disponibbli biżżejjed persunal u taħriġ imfassal apposta, kif ukoll riżorsi u kapaċità teknoloġika aġġornata. [...].*"
[28] EUR-Lex - 52025DC0148 - MT - EUR-Lex